



Kunsill Ewropew

Brussell, 16 ta' Diċembru 2021
(OR. en)

EUCO 22/21

CO EUR 19
CONCL 6

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Laqgħa tal-Kunsill Ewropew (16 ta' Diċembru 2021) – Konklużjonijiet

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill Ewropew fil-laqgħa msemmija hawn fuq.

I. IL-COVID-19

It-tilqim

1. Il-Kunsill Ewropew indirizza s-sitwazzjoni epidemjoloġika li sejra għall-agħar fl-UE u l-impatt tal-emerġenza tal-Omicron, varjant ġdid ta' tħassib. Huwa jtenni l-importanza vitali tat-tilqim fil-ġlieda kontra l-pandemija. Id-distribuzzjoni tat-tilqim lil kulħadd u l-ġhoti ta' dożi booster huma kruċjali u urġenti. F'dak il-kuntest, jibqa' essenzjali li tingħeleb l-eżitazzjoni għat-tilqim, inkluż billi tiġi indirizzata d-diżinformazzjoni. Minbarra t-tilqim, l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE dwar il-prodotti terapewtiċi kontra l-COVID-19, inkluż l-akkwist konġunt, għandha titmexxa 'l quddiem.

Il-koordinazzjoni

2. Huma meħtieġa sforzi koordinati kontinwi b'rispons għall-iżviluppi, abbażi tal-aħjar evidenza xjentifika disponibbli, filwaqt li jiġi żgurat li kull restrizzjoni tkun ibbażata fuq kriterji oġġettivi u ma ddgħajjifx il-funzjonament tas-Suq Uniku u lanqas ma xxekkel sproporzjonatament il-moviment liberu bejn l-Istati Membri jew l-ivvjaġġar lejn l-UE. Il-Kunsill Ewropew jappella għall-adozzjoni rapida tar-rakkomandazzjoni riveduta tal-Kunsill dwar il-moviment liberu sikur u tar-rakkomandazzjoni riveduta tal-Kunsill dwar l-ivvjaġġar mhux essenzjali lejn l-UE. Il-Kunsill Ewropew jenfasizza l-importanza ta' approċċ koordinat dwar il-validità taċ-ċertifikat tat-tilqim COVID Diġitali tal-UE u jieħu nota tal-fatt li l-Kummissjoni ser tadotta att delegat dwar din il-kwistjoni.

Il-kooperazzjoni internazzjonali

3. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja li l-pandemija ser tingħeleb biss permezz tal-kooperazzjoni globali bbażata fuq il-fiduċja u l-assistenza reċiproka. F'dan il-kuntest, ifaħħar lill-Botswana u lill-Afrika t'Isfel għall-viġilanza u t-trasparenza tagħhom fl-iskoperta, is-sekwenzjar u r-rappurtar daqshekk rapidi tal-varjant ta' tħassib l-aktar reċenti Omicron, u jenfasizza l-importanza li tissaħħaħ il-kapaċità globali tas-sekwenzjar ġenomiku.

4. L-UE hija impenjata li taqdi r-rwol tagħha biex jinkiseb tilqim globali. L-UE hija l-akbar donatur u esportatur fid-dinja. Ser inkomplu nesportaw u nikkondividu d-dożi tat-tilqim u l-materjal anċillari, u nżidu l-appoġġ tagħna lill-pajjiżi l-aktar fil-bżonn, b'mod partikolari fl-Afrika, kemm billi nkomplu nipprovdu appoġġ lill-COVAX kif ukoll fuq bażi bilaterali, f'kooperazzjoni ma' sħab.
5. Biex jiġu indirizzati l-konġestjonijiet fil-kondiviżjoni u l-amministrazzjoni tat-tilqim, u biex jitneħħew malajr l-ostakli li jfixklu d-distribuzzjoni globali tat-tilqim, il-Kunsill Ewropew jappella lill-Kummissjoni biex issaħħaħ aktar l-appoġġ lill-Istati Membri u lil pajjiżi terzi, tkompli tinvolvi ruħha mal-manifatturi, u ssaħħaħ il-koordinazzjoni mal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, il-COVAX u sħab oħra. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kunsill biex jissorvelja mill-qrib, fit-trasparenza kollha, it-tweqqif tal-wegħdiet b'rabta mat-tilqim u ser jerġa' lura għall-kwistjoni kif meħtieġ.
6. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-ftehim milħuq mill-Assemblea Dinjija tas-Saħħa fl-1 ta' Diċembru 2021 biex jinbenda proċess globali għall-abbozzar u n-negozjar ta' konvenzjoni, ftehim jew strument internazzjonali ieħor dwar il-prevenzjoni, it-tnejjija u r-rispons għall-pandemiji, bil-għan li jiġi adottat fl-ambitu tal-Artikolu 19, jew ta' dispożizzjonijiet oħra tal-Konstituzzjoni tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa kif jitqies xieraq mill-korp ta' negozjar intergovernattiv.

II. IL-ĠESTJONI TA' KRIŻIJIET U R-REŻILJENZA

7. Il-Kunsill Ewropew evalwa l-ħidma biex jissaħħu t-tnejjija, il-kapaċità ta' rispons u r-reżiljenza kollettivi tagħna għal kriżijiet futuri, li hija prijorità trażverali prinċipali għall-Unjoni.

8. Huwa jilqa' l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-23 ta' Novembru 2021 u jappella:
 - għat-tiġħ tar-rispons u t-tnejn tal-UE għall-kriżijiet f'approċċ li jkopri l-perikli kollha;
 - għall-bini u l-monitoraġġ tar-reżiljenza u l-indirizzar ta' oqsma fejn aħna esposti.
9. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kunsill biex imexxi 'l quddiem il-ħidma u jeżamina l-progress regolament.

III. IS-SIGURTÀ U D-DIFIŻA

10. L-UE hija impenjata favur l-ordni internazzjonali globali bbażat fuq ir-regoli, bin-Nazzjonijiet Uniti fil-qalba tiegħu, u favur it-tiġħ tal-kooperazzjoni ma' sħab madwar id-dinja sabiex it-tnejjiet u l-isfidi komuni jiġu indirizzati b'mod konġunt.
11. F'sitwazzjoni ta' żieda fl-instabbiltà globali, kompetizzjoni strateġika li qed tikber u tnejjiet kumplessi għas-sigurtà, l-UE ser tiegħu aktar responsabbiltà għas-sigurtà tagħha stess u fil-qasam tad-difiża, issegwi linja ta' azzjoni strateġika u żżid il-kapaċità tagħha li tagħxi awtonomament. L-UE ser tippromwovi l-interessi u l-valuri tagħha, issaħħaħ ir-reżiljenza u t-tnejn tagħha biex tindirizza t-tnejjiet u l-isfidi għas-sigurtà b'mod effettiv, u tkompli taħdem favur il-paċi u s-sigurtà globali.
12. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kunsill biex imexxi 'l quddiem il-ħidma fuq Boxxla Strateġika ambizzjuża u li tista' titwettaq, abbażi tal-ewwel abbozz ippreżentat mir-Rappreżentant Għoli f'Novembru 2021, li tippreżenta viżjoni strateġika komuni matul l-għaxar snin li jmiss u tuża bl-aħjar mod is-sett sħiħ ta' għodod tal-UE, inkluż il-politika, l-għodod u l-istrumenti ċivili u militari. F'dan il-qafas, il-Kunsill Ewropew jistenna b'interess il-preżentazzjoni tal-pjan direzzjonali teknoloġiku mitlub fi Frar 2021 u jistieden lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli biex jagħmlu kwalunkwe proposta oħra meħtieġa, inkluż dwar is-sigurtà fl-ispazju, iċ-ċiberspazju u l-għlied kontra t-tnejjiet ibridi.

13. L-UE hija impenjata li tikkoopera mill-qrib man-NATO, b'rispett sħiħ tal-prinċipji stabbiliti fit-Trattati u dawk maqbula mill-Kunsill Ewropew, inkluż il-prinċipji tal-inklużività, ir-reċiproċità u l-awtonomija fit-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE. Ir-relazzjoni tranżatlantika u l-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO huma kruċjali għas-sigurtà ġenerali tagħna. UE aktar b'saħħitha u aktar kapaċi fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża ser tikkontribwixxi b'mod pożittiv għas-sigurtà globali u tranżatlantika u hija komplementari man-NATO, li tibqa', għal dawk l-Istati li huma membri tagħha, il-pedament tad-difiża kollettiva tagħhom. Il-Kunsill Ewropew jappoġġa t-tisħiħ tas-sħubija strateġika bejn l-UE u n-NATO u jistenna bil-ħerqa t-tielet dikjarazzjoni konġunta dwar il-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO. Din għandha titħejja b'mod inklużiv, tindirizza theddidiet u sfidi ġodda u tinkludi, bħala oqsma għal kooperazzjoni msaħħa, ir-reżiljenza, it-theddid ċibernetiku u ibridu, it-tibdil fil-klima u s-sigurtà, l-isparju, u t-teknoloġiji emerġenti u fixkiela.
14. Il-Kunsill Ewropew ser jerġa' lura għas-sigurtà u d-difiża fil-laqgħa tiegħu ta' Marzu 2022, meta ser ikun mistieden japprova l-Boxxla Strateġika.

IV. L-ASPETTI ESTERNI TAL-MIGRAZZJONI

15. Il-Kunsill Ewropew ivvaluta l-implimentazzjoni tal-konklużjonijiet tiegħu tal-24 u l-25 ta' Ġunju 2021 u tal-21 u t-22 ta' Ottubru 2021. Huwa jfakkar fl-importanza li jiġu indirizzati r-rotot migratorji kollha, f'approċċ komprensiv u li jindirizza r-rotta sħiħa.
16. Il-Kunsill Ewropew jappella lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli, flimkien mal-Istati Membri, biex jiżguraw li l-pjanijiet ta' azzjoni reċenti għall-pajjiżi ta' orġini u ta' tranżitu jsiru operattivi u jiġu implimentati mingħajr aktar dewmien, f'kooperazzjoni ma' pajjiżi sħab. F'dan ir-rigward, iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tiżgura li jiġi identifikat b'mod ċar u jiġi mobilizzat finanzjament adegwat mingħajr dewmien għal azzjonijiet b'rabta mal-migrazzjoni fuq ir-rotot kollha, skont l-ambizzjoni miżjuda tal-UE.

17. Il-Kunsill Ewropew jagħraf l-importanza ta' politika aktar unifikata tal-UE dwar ir-ritorni u jappella lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli biex, flimkien mal-Istati Membri, jieħdu azzjoni rapida biex jiżguraw ritorni effettivi mill-UE lejn il-pajjiżi ta' oriġini bl-użu bħala inċentiva tal-politiki, l-istrumenti u l-għodod rilevanti kollha tal-UE, inkluż l-iżvilupp, il-kummerċ u l-viżi, biex jiżguraw l-implimentazzjoni sħiħa tal-ftehimiet u l-arranġamenti ta' riammissjoni eżistenti, kif ukoll jikkonkludu oħrajn ġodda, u jirrapportaw lill-Kunsill.
18. Il-Kunsill Ewropew itenni l-kundanna tiegħu ta' tentattivi minn pajjiżi terzi biex jistrumentalizzaw il-migranti għal finijiet politiċi. Huwa jissottolinja l-hteġa li jiġu żviluppati għodod biex jindirizzaw l-istrumentalizzazzjoni tal-migrazzjoni. Jappella għal ħidma rapida fuq il-proposta dwar miżuri kontra l-operaturi tat-trasport li jiffaċilitaw jew jinvolvu ruħhom fit-traffikar ta' bnedmin jew il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti b'rabta mad-dħul illegali fit-territorju tal-Unjoni Ewropea.
19. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jikkunsidraw modi biex isaħħu l-arranġamenti ta' kooperazzjoni biex jappoġġaw lill-Istati Membri li qed jiffaċċjaw sfidi speċifiċi fil-fruntieri esterni tal-UE, inkluż fir-rigward tal-gwardji tal-fruntiera kif ukoll is-sorveljanza mill-ajru.
20. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kunsill, taħt id-direzzjoni tal-Presidenza tiegħu, biex jissorvelja mill-qrib l-implimentazzjoni rapida u effettiva tal-politika esterna tal-UE dwar il-migrazzjoni, u biex jagħti spinta ulterjuri kif meħtieġ. Il-Kunsill Ewropew ser jerġa' lura għal din il-kwistjoni.

V. IR-RELAZZJONIJIET ESTERNI

Il-Belarussja

21. Il-Kunsill Ewropew jikkundanna bil-qawwa l-istrumentalizzazzjoni tal-migranti u r-refuġjati mir-reġim Belarussu u l-kriżi umanitarja li ħolqot. L-UE ser tkompli tiġġieled kontra l-attakk ibridu mniedi mill-Belarussja b'rispons determinat, li jindirizza d-dimensjonijiet kollha tal-kriżi skont id-dritt u l-obbligi internazzjonali tal-UE, inkluż id-drittijiet fundamentali. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja b'mod partikolari l-importanza ta' dawn li ġejjin:
- il-protezzjoni effettiva tal-fruntieri esterni tal-UE, inkluż bit-tisħiħ tal-qafas legali tal-UE. F'dan ir-rigward jistieden lill-Kunsill biex jeżamina l-proposta tal-Kummissjoni dwar miżuri proviżorji ta' emerġenza;
 - il-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni tad-dħul klandestin u t-traffikar;
 - l-implimentazzjoni fil-pront ta' miżuri restrittivi, wara l-adozzjoni tal-ħames pakkett ta' elenkar, u t-tnejn għall-adozzjoni ta' miżuri ulterjuri skont il-ħtieġa;
 - l-iżgurar tal-aċċess bla xkiel għall-organizzazzjonijiet internazzjonali fil-Belarussja u t-tisħiħ tal-ġhajnuna umanitarja;
 - l-appoġġ għar-ritorn tal-migranti mill-Belarussja.
22. Il-Kunsill Ewropew itenni l-appell tiegħu għall-ħelsien minnufih u mingħajr kondizzjonijiet tal-priġunieri politiċi kollha u għat-tmiem tar-ripressjoni tas-soċjetà ċivili u l-media indipendenti. Huwa jtenni d-dritt demokratiku tal-poplu Belarussu li jeleġġi l-president tiegħu permezz ta' elezzjonijiet ġodda, ħielsa u ġusti.

L-Ukrajna

23. Il-Kunsill Ewropew jenfasizza l-ħtieġa urġenti li r-Russja tnaqqas it-tensjoni kkawżata miż-żieda fil-preżenza militari tul il-fruntiera tagħha mal-Ukrajna u r-retorika aggressiva. Il-Kunsill Ewropew itenni l-appoġġ sħiħ tiegħu għas-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna. Kwalunkwe aggressjoni militari ulterjuri kontra l-Ukrajna ser ikollha konsegwenzi enormi u gravi bħala rispons, inkluż miżuri restrittivi koordinati ma' sħab.
24. Il-Kunsill Ewropew jinkoraġġixxi sforzi diplomatiċi u jappoġġa l-format tan-Normandija fil-kisba tal-implimentazzjoni sħiħa tal-Ftehimiet ta' Minsk.

Il-Viċinat tan-Nofsinhar

25. Il-Kunsill Ewropew jafferma mill-ġdid id-determinazzjoni tiegħu li jġedded u jsaħħaħ is-sħubija tal-UE mal-Viċinat tan-Nofsinhar bil-ħsieb li jiġu indirizzati sfidi komuni u li jinkiseb vantaġġ minn opportunitajiet kondiviżi permezz ta' kooperazzjoni msaħħa. Għal dak il-għan, jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jaċċelleraw il-ħidma fuq l-Aġenda l-ġdida għall-Mediterran.

Is-Summit bejn l-Unjoni Ewropea u l-Unjoni Afrikana

26. Il-Kunsill Ewropew iddiskuta t-tnejjijiet għas-Summit bejn l-Unjoni Ewropea u l-Unjoni Afrikana fis-17 u t-18 ta' Frar 2022 u t-temi u r-riżultati konkreti possibbli. L-għan huwa li tiġi stabbilita Alleanza mal-Afrika li tkun ambizzjuża u orjentata lejn il-futur li tista' tibni żona ta' prosperità u stabbiltà, appoġġata minn pakkett ta' investiment trasformattiv.

L-Etjopja

27. Il-Kunsill Ewropew qed ikompli jsegwi mill-qrib is-sitwazzjoni fl-Etjopja u jappoġġa bis-sħiħ l-isforzi ta' medjazzjoni tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni Afrikana Obasanjo. L-UE tappella għal waqfien mill-ġlied mingħajr kondizzjonijiet u thegħeġ lill-partijiet kollha biex jimpenjaw ruħhom fi djalogu nazzjonali inklużiv u trasparenti. L-iżgurar tal-protezzjoni tal-popolazzjoni ċivili u l-ġhoti ta' aċċess umanitarju mingħajr xkiel jibqgħu prijoritajiet ewlenin.
-